## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 183/2023 MS*

**Fabian Magro**

**Vs.**

**GasanMamo Insurance Ltd**

Illum, 13 ta' Jannar, 2025

Kawża Numru:6

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fit-23 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu huwa qabel xejn ippremetta dan li ġej:

> Illi huwa sid tal-vettura BMW 520D M Sport, bis-sena tal-manifattura elfejn u ghaxra (2010) u bin-numru tar-registrazzjoni FAB-238 **(DOK A)**;

Illi nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tal-elfejn u sbatax (2017) il-vettura hadet in-nhar gewwa Triq Wied Blandun, f'Rahal Gdid **(Dok B)**. Ghal dan l-accident infethet inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Natasha Galea Sciberras;

Illi fit-tlieta (03) ta' April elfejn u sbatax infurmajt lil assikuraturi tieghi bl-accident u nhareg rapport **(Dok C);**

Illi l-vettura dak in-nhar tal-accident kienet assikurata taht polza "comprehensive" mas-socjeta Gasan Mamo Insurance Ltd **(Dok D);**

Illi l-vettura skond is-survey report maghmul mis-Surveyor Anthony Mizzi kienet giet stmata li tiswa wiehed u tletin elf u hames mitt ewro (€31,500.00c) **(Dok E)** u ghalhekk inharget il-polza;

Illi s-Socjeta konvenuta ma trid taghmel bl-ebda mod tajjeb ghad-danni kkagunati kif imfisser;

Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-accident msemmi;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

u sussegwentement għadda biex jitlob lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara lis-Socjeta' Konvenuta responsabbli ghal hlas tad-danni li b'rizultat ta' l-istess li sofra l-attur;
2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tikkundanna lis-Socjeta' Konvenuta thallas lill-istanti dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser.

   Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi kontra s-Socjeta' konvenuta li hi minn issa ingunat ghas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fit-3 t'April 2023[1], li permezz tagħha hija eċċepiet dan li ġej:

[1] Fol.19.

> 1. Illi, in linea preliminari, is-socjeta` esponenti teccepixxi illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dana stante illi r-rikorrent naqas milli jżomm lis-socjeta` esponenti, bhala s-socjeta` assikurattici tieghu, f'relazzjoni *in uberrimae fides* kif kellu l-obbligu illi jaghmel *qua* assikurat, u dana peress illi naqas milli jinforma lill-istess socjeta` b'fatt materjali ("*a material fact*") fil-mument illi giet konkluza l-polza tal-assikurazzjoni illi a bazi taghha qieghed iressaq il-pretenzjoni tieghu l-attur u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-istess polza. Illi konsekwentement ma jezisti l-ebda obbligu fuq is-socjeta` esponenti *qua* socjeta assikuratrici sabiex twettaq ebda hlas lir-rikorrent a bazi tal-imsemmija polza u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
>
> 3. Illi fi kwalunkwe kaz jinkombi fuq l-attur illi jipprova il-kaz tieghu fil-parametri imposti mill-Ligi;
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

3. Rat li kien hemm qbil bejn id-difensuri tal-kontendenti li qabel xejn tiġi trattata u deċiża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

6. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta;

Ikkunsidrat:

7. Illi l-attur jgħid li huwa sid ta' vettura li nħarqet fil-31 ta' Marzu 2017. F'dak iż-żmien, kien hemm fis-seħħ polza t'assikurazzjoni fuq din il-vettura maħruġa mill-konvenuta. L-attur irid li l-konvenuta tonora l-polza u tindennizzah, u għalhekk ressaq din il-kawża.

8. Fost l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta sabiex tilqa' għat-talbiet tal-attur, hemm dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

9. Bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjoni li għall-azzjoni tal-attur hija applikabbli l-preskrizzjoni eċċepita. Waqt it-trattazzjoni d-difensuri tal-kontendenti ffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq jekk dak it-terminu ġiex sospiż jew interrott waqt id-dekorriment tiegħu.

10. B'danakollu l-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid bl-aktar mod ċar illi:

> Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

11. Din id-dispożizzjoni tal-liġi kienet ġiet mibdula bl-Att I tal-2017 u bl-Att VIII tal-2017. Fejn qabel il-ġurament deċiżorju seta' jiġi amministrat lill-konvenut eċċipjenti ad istanza tal-attur, issa dan il-ġurament sar obbligatorju fuq il-konvenut eċċipjenti, b'mod li jekk ma jingħatax, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bażata fuq waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 2160(1) tibqa' mingħajr effett. Li jingħata dan il-ġurament mill-konvenut minn jeddu huwa obbligu li l-liġi tqiegħed fuq l-istess konvenut, u jgħodd anki fejn l-attur, matul il-kors tal-kawża, ma jagħmel ebda riferenza għalih. Il-Qorti hija fid-dmir li tara li l-partijiet ma jieħdux il-benefiċċju ta' xi liġi mingħajr ma jħarsu l-ħtiġiet imposti bħala kondizzjoni sabiex dak il-benefiċċju jittieħed.

12. Ġie miżmum illi «*Minkejja t-tibdil fil-liġi kif fuq ingħad, din il-formola ta' ġurament xorta baqgħet sagramentali, u kull devjazzjoni minnha ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet*» (***Sacha Cassar vs. Mapfre Middlesea plc et***, Prim'Awla, 12 t'Ottubru 2023). Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Roberto Cristiano vs. Air Malta plc*** (Prim'Awla, 17 ta' Settembru 2024).

13. Kif rilevat fid-deċiżjoni ***Western Company Limited vs. Salvu Pisani et*** (Appell Superjuri, 30 ta' Novembru 2023): «*Jissokta jingħad, li l-ġurament imsemmi fl-Artikolu*

*2160 tal-Kodiċi Ċivili jista' jittieħed kemm permezz ta' xhieda bil-fomm quddiem il-Qorti jew inkella permezz ta' affidavit (ara* ***Direttur tar-Reġistru Pubbliku v. HSBC Bank Malta plc*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019 u* ***John Camilleri v. Maria Camilleri et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022)*».

14. Mill-atti huwa evidenti li l-konvenuta fl-ebda waqt ma tat ġurament minn jeddha waqt il-kawża li m'hijiex debitriċi tal-attur. Ir-rappreżentanti tal-konvenuta li xehdu tkellmu biss dwar atti ġudizzjarji li saru mill-attur[2], u kif ukoll li ma kienx hemm aċċettazzjoni min-naħa tagħhom tal-pretensjoni tiegħu, u li ma kienx hemm negozjati[3].

15. Waqt is-seduta li nżammet quddiem l-assistant ġudizzjarju fid-9 t'Ottubru 2024, Luke Zerafa «*in rappreżentanza ta' Gasan Mamo Insurance*» xehed in kontro-eżami magħmul mill-istess konvenuta, u qal: «*Mitlub nikkonferma li fir-rigward ta' dan il-każ ta' Fabian Magro xi forma ta' aċċettazzjoni min-naħa tagħna qatt ma kien hemm inwieġeb li le ma kienx hemm. Kieku aċċettajna konna nħallsuh*».

16. Fil-fehma tal-Qorti, din id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tal-konvenuta ma tissodisfax il-ħtieġa mposta mill-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili. Hija ħaġa li wieħed jikkonferma bil-ġurament li mhux debitur jew li ma jiftakarx li l-ħaġa ġiet imħallsa, u ħaġ'oħra li wieħed jgħid li ma ġietx aċċettata l-pretensjoni tal-attur, u jieqaf hemm. Li l-pretensjoni ma ġietx aċċettata huwa fatt ieħor separat u indipendenti mill-fatt dwar jekk dik il-pretensjoni hijiex fondata jew le, u l-artikolu 2160 irid li l-konvenut li jeċċepixxi l-preskrizzjoni jeskludi, bil-ġurament tiegħu, il-bażi sostantiva nnifisha tal-pretensjoni attriċi (jew alternattivament li ma jiftakrux jekk il-kreditu ġiex imħallas).

17. La darba għalhekk il-konvenuta ma ssodisfatx dak li jrid l-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili, mhux neċessarju għall-Qorti li teżamina jekk il-preskrizzjoni eċċepita ġietx interrotta jew sospiża.

18. Għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-konvenuta, u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

---

[2] Fol.67.
[3] Fol.95.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni tbatihom il-konvenuta.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur